MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2009

Numru. 1230/2008

Il-Pulizija
(Sp Maurice Curmi)
vs
Kenny Muscat, iben Raymond, imwieled Pieta' fl-4 ta' Marzu, 1982

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli f'lulju, 2007 u fix-xhur preċedenti f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew

sabiex tqanqal tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamel qliegħ ta' aktar minn €232.94 iżda mhux aktar minn €2,329.37 għad-dannu ta' Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited;
2. talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanżi approprja ruħhu, billi dawwar bi profit għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinjata lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat għad-dannu ta' Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited;
3. talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanżi, għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi;
4. talli fl-istess żmien lok u ċirkostanżi xjentement għamel użu minn document falz;
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' mejju, 2009 fejn il-parte ċivile ddikjarat li l-imputat ħallas dak kollu dovut.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Mejju, 2009 fejn l-imputat ammetta lk-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 308, 309, 310, 294,183 u 184 tal-Kodiċi Kriminali. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi l-imputat ħallas dak kollu dovut u għandu fedina penali netta. Għalhekk, ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum. Fiċ-ċirkostanżi, mhemmx lok

għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali billi ma nqabbdu ebda esperti f'din il-kawża.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------